MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

## ONOR. IMHALLEF
## ROBERT G MANGION

Seduta ta' l-20 ta' Gunju, 2013

Rikors Kongunt Numru. 189/2013

Kawza fil-lista: 15

**Rikors kongunt ta' AB u CB**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors kongunt tal-konjugi B tat-12 ta' April 2013 li permezz tieghu ippremettew u talbu s-segwenti:-

"Illi l-partijiet izzewwgu fit-3 ta' Marzu, 1988 u wara kienet ghaddejja separazzjoni quddiem il-Qorti, l-istess Mary Diane Ciantar cediet l-istess kawza peress li kienet marret tghix l-Ingilterra. Il-partijiet qatt ma rrikonciljaw jew hemm prospett li jirrikonciljaw. Il-kawza tas-separazzjoni kellha n-numru 404/2008AF fl-ismijiet Mary Diane Ciantar v Emanuel Ciantar.

Illi l-partijiet ilhom de facto separati ghall-aktar minn 4 snin.

Illi m'hemm l-ebda prospett ragonevoli ghal rikonciljazzjoni bejniethom stante illi ilhom snin twal mifrudin, illum ghandhom hajja totalment separata minn xulxin.

Illi m'hemm l-ebda manteniment dovut f'dan l-istadju. U AB assuma l-obbligi kollha dwar il-manteniment tal-minuri.

Illi dawn il-fatti hawn fuq imsemmija jissodisfaw ilkundizzjonijiet kollha mehtiega ghall-ksib tad-divorzju skont l-Artikolu 66B tal-Kodici Civili Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta.

Ghaldaqstant umilment jintalab illi din l-Onorabbli Qorti

(1) tippronunzja l-hall taz-zwieg bejn il-partijiet; u

(2) Tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex fi zmien imholli ghal daqshekk mill-istess Oorti javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bix-xoljiment taz-zwieg tal-partijiet biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku."

Rat l-atti kollha.

Rat illi r-rikors thalla ghal-lum ghad-decizjoni.

Ikkunsidrat;

Il-provvedimenti legali tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta applikabbli ghal kaz in dizamina huma s-segwenti:-

**Artikolu 66A (1)**

*Kull wieħed u waħda mill-miżżewġin ikollu l-jedd illi jitlob id-divorzju jew il-ħall taż-żwieġ skont kif inhu maħsub f'dan is-Sub-Titolu. Ma jkunx meħtieg illi qabel ma jiġi mitlub id-divorzju, il-miżżewġin ikunu infirdu minn xulxin b'kuntratt jewb'sentenza*

**Artikolu 66B**

*Bla ħsara għad-dispożizzjonijiet li ġejjin ta' dan l-artikolu, id-divorzju ma jistax jingħata ħlief b'talba ta' żewġ persuni miżżewġa flimkien jew ta' waħda minnhom kontra l-oħra, u sakemm il-qorti tkun sodisfatta li:*

*(a) fid-data li jibdew il-proċeduri ta' divorzju, il-miżżewġin ikunu għexu mhux flimkien għal perjodu ta', jew perjodi li jammontaw għal, mill-inqas erba' snin matul il-ħames snin minnufih preċedenti, jew ikunu għaddew mill-inqas erba' snin mid-data ta-sseparazzjoni legali; u*

*(b) ma hemm l-ebda prospett raġonevoli għal rikonċiljazzjoni bejn il-miżżewġin; u*

*(ċ) il-miżżewġin u kull wild tagħhom qed jirċievu manteniment adegwat, fejn hu dovut, skont iċ-ċirkostanzi partikolari tagħhom, kif hemm maħsub fl-artikolu 57:*

*Iżda l-miżżewġin jistgħu f'kull żmien jirrinunzjaw għad-dritt tagħhom ta' manteniment:*

**Artikolu 66D**

*Bla ħsara għad-dispożizzjonijiet l-oħra ta' dan is-Sub-Titolu, f'każ ta' talba għad-divorzju magħmula minn waħda mill-persuni miżżewġin, ma jkunx meħtieġ illi fit-talba għad-divorzju, il-persuna miżżewġa li tkun qiegħda tagħmel din it-talba tattribwixxi lill-parti l-oħra xi ħtija li wasslet biex issir dik it-talba.*

Ikkunsidrat;

Illi mill-provi mhux kontradetti imressqa mill-attur jirrizulta:

Illi l-partijiet izzewwgu fit-3 ta' Marzu 1988.

Illi l-partijiet ilhom separati *de facto* ghal aktar minn erba' snin.

Illi ma hemm l-ebda prospett ragonevoli ghal rikonciljazzjoni bejn il-partijiet;

Illi ma hemm ebda kwistjoni bejn il-partijiet dwar hlas ta' manteniment.

**Decide**.

Illi l-provi imressqa jissodisfaw dak rikjest bl-Artikolu 66B tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta ghall-ksib tad-divorzju;

Ghal dawn il-motivi, tilqa' t-talbiet tar-rikorrenti; u tippronunzja id-divorzju bejn il-partijiet; u ai termini tal-Artikolu 66A tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta, tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex fi zmien xahar javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------